# Qorti tal-Magistrati
# (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Awissu, 2002 .

Kumpilazzjoni Numru : 37/2001 .

Il-Pulizija
(Supretendent Joseph Valletta)
(Spettur Antonello Grech)

VS

George Spiteri, ta' 57 sena, bin John u Josephine nee' Sultana, imwieled Fontana, fis-16 ta' Novembru, 1944, u residenti Sagra Familja, Triq il-Bies, Kercem, Karta ta' l-Identita' Numru : 91444 (G) .

Il-Qorti ;

Rat l-akkuza li permezz taghha l-imsemmi Gorg Spiteri gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Ottubru, 2001, f'Kercem, Ghawdex, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Stephen Mamo jew li jqeghedlu hajtu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta' daqqiet ta' injama fuq ras Stephen Mamo, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu .

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stephen Mamo, liema feriti ser jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew igibu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh tal-imsemmi Stephen Mamo .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluza l-atti ta' l-inkjesta relattiva ghall-incident mertu ta' din il-kawza .

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-pulizija .

Semghet lill-imputat stess jixhed, jispjega c-cirkostanzi ta’ dan il-kaz .

Semghet ukoll ix-xhieda prodotti minn l-istess imputat .

Rat l-artikli ta’ l-avukat generali tal-15 ta’ Lulju, tas-sena elfejn u tnejn, li permezz taghhom huwa mahsub illi jista’ jinstab htija l-imputat a tenur ta’ l-artiklu 214, 215, 216, 217, 218, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali .

Il-Qorti ghal hekk, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha partikolari ta’ dan il-kaz, li din kienet kustjoni familjari, illi l-vittma hafret lill-istess imputat waqt id-depozizzjoni taghha; illum jirrizulta illi dawn id-diffikultajiet familjari trangaw, l-imputat u l-vittma qeghdin jergghu jghixu flimkien, kif kienu qabel, flimkien mal-familji taghhom .

Ghal hekk fuq ammissjoni ta’ l-istess imputat, u wara li rat l-artikli kollha iccitati minn l-avukat generali fl-att tar-rinviju tieghu msemmi tal-15 ta’ Lulju, tas-sena elfejn u tnejn, wara li rat ukoll l-artiklu 28 (A) tal-Kap. 9,

Tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-erba’ snin, u dana wara li fissret lill-imputat l-importanza ta’ din is-sentenza, u wissietu illi jekk jerga’ jaghmel xi reat iehor fi zmien li din is-sentenza hija sospiza, huwa ha jkollu jaghmel is-sentejn prigunerija . Ghandu wkoll ihallas l-ispejjez relattivi ghall-inkjesta a tenur ta’ l-artiklu 533 tal-Kodici Kriminali .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
Skrim3701Pc
417